MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2009

Numru. 325/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**

**vs**

**Natasha Azzopardi ta' 22 sena, bint missier mhux maghruf u Josephine nee' Azzopardi, imwielda Pieta nhar id-29 Novembru 1986, residenti Pymouth Flats, flat numru 3, Triq Testaferrata, Gzira u detentrici tal-karta ta' l-identita; numru 556686(M).**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Nathalie Azzopardi u cioe` talli nhar l-14 ta' Mejju, 2008, ghall-habta tal-23.15hrs fi Triq it-Torri, Sliema:

a. Volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli billi ghamlet

hsara fuq il-vettura tat-tip Opel, bin-numru tar-registrazzjoni JON522, liema ammont ta’ hsara ma jiskorrix l-elef mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), imma hu izjed minn mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (116.47), u dan ghad-detriment ta’ Jonathan Grech Cumbo u/jew persuni ohra;

b. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebbet ghal Jonathan Grech Cumbo u kkagunatlu feriti ta’ natura hafifa hekk kif iccertifika Dr. S. Camilleri MD mic-Centru tas-Sahha tal-Gzira;

c. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saqet vettura tat-tip Fiat Punto, bin-numru ta’ registrazzjoni DAD536 minghajr ma kellha licenzja tas-sewqan mill-awtorita dwar it-trasport ta’ Malta taht dik il-kategorija ghall-imsemmija vettura u b’hekk saqet l-istess vettura meta ma kienitx koperta b’polza ta’ assikurazzjoni dwar riskji ta’ terzi persuni.

d. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kisret il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b’ghajjat u glied.

e. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamlet lil Jonathan Grech Cumbo ingurji jew theddid mhux imsemmija band’ ohra fil-Kodici Kriminali, jew jekk kienet ipprovokata, ingurjat b’mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

f. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, waqt li kienet fil-pubbliku, qalet kliem mhux xieraq li jikkonsisti f’dagha u dana ai termini tal-Artikoli 338(bb) u 342 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dana il-procediment;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputata liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghatha zmien xieraq sabiex tirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi qabel xejn il-Qorti tosserva illi l-akkuzi bl-ittri d, e jinsabu preskrtti skond il-ligi bid-dekors tat-3 xhur peress illi dawn huma akkuzi ta' natura kontravenzjonali. Illi gharrigward ta' l-akkuzi l-ohra il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputati hatja ta' l-akkuzi kollha l-ohra migjuba fil-konfront taghha.
Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni il-fedina penali nadifa tal-imputata, l-ammissjoni bikrija tal-imputata u l-fatt illi l-imputata lesta li thallas il-hsara minnha kagjonata. Illi peress illi l-imputata ghandha bzonn il-vettura taghha sabiex tmur ghax-xoghol ghaliex altrimenti tispicca minghajr impjieg il-Qorti ma hijiex ser tghaddi ghall-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 325(1)(b), 221, 668(f), 338(dd), 339(e), 338(bb) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikoli 3 tal-Kapitolu 104 tal-ligijiet ta' Malta, filwaqt li tiddikjara l-akkuzi bl-ittra (d) u (e) bhala preskritti skond il-ligi ssib lill-imputata hatja tal-kumplament ta' l-akkuzi, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmulha u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi sentejn mil-lum.

Il-Qorti qeghda twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkometti reat iehor matul dana l-perijodu operattiv ta' liberta kondizzjonata.

Inoltre b'applikazzjoni ta' l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tordna lill-hatja thallas lil parte leza s-somma ta' €247 u dan fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Finalment b'applikazzjoni tal-artikolu 338 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti torbot lill-hatja b'obbligazzjoni taht

penali ta' hames mitt  euro (€500) u dan ghal zmien sena mil-lum li ma timmolestax jew iddejjaq lil parte leza Jonathan Grech Cumbo.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------